

Konferma tal-wasla u informazzjoni dwar l-għeluq ta' diversi lmenti CHAP (2017) 1197

Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet għadd kbir ta' lmenti dwar l-applikazzjoni possibilmment skorretta tal-Artikolu 2.2.b) tad-Direttiva 2003/35/KE¹, l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2001/42/KE², u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea³. Applikazzjoni allegatament skorretta tal-Unjoni Ewropea dwar l-adozzjoni tal-Liġi reġjonali 2/2016 tas-27 ta' Settembru li temenda l-leġislazzjoni għall-ippjanar tat-turiżmu f'La Gomera, La Palma u El Hierro⁴.

Il-Kummissjoni Ewropea rreġistrat dawn l-ilmenti taħt ir-referenza CHAP (2017) 1197.

Meta wieħed iqis l-għadd kbir ħafna ta' lmenti li waslulha dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni, bil-ħsieb li tinforma lil dawk kollha kkonċernati filwaqt li tagħmel l-aktar użu ekonomiku possibbli mir-riżorsi amministrattivi li għandha, qed tippubblika l-avviż preżenti fuq *Europa* sabiex tikkonferma l-wasla tal-ittri u tinforma lil min baġathom bir-riżultati tal-analiżi tal-ittri mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Wara li eżaminat l-allegazzjonijiet li għamlu l-ilmentaturi, il-Kummissjoni ma rnexxielha tidentifika l-ebda ksur tal-leġislazzjoni tal-UE.

Skont l-informazzjoni disponibbli, l-approvazzjoni tal-Liġi 2/2016 ma tinvolvix, fiha nnifisha, l-adozzjoni ta' xi pjan jew programm. Minflok, tirregola, b'mod ġeneral, in-natura, l-għan, il-kompetenza u l-proċedura għall-approvazzjoni ta' għodda tal-ippjanar⁵ u ma tappoġġax pjanijiet jew proġetti *ad hoc*. Għalhekk, il-Liġi 2/2016 la taqbel ma' u lanqas tapprova l-implimentazzjoni ta' xi proġett jew ieħor.

B'konsegwenza, l-informazzjoni u drittijiet ta' parteċipazzjoni msemmija skont id-Direttiva 2003/35 ma japplikawx għal-Liġi 2/2016, Il-kontenut u l-emendi li jgħaddu għal-Liġi 2/2016 jkunu r-riżultat ta' dibattitu parlamentari. Madankollu, id-drittijiet tal-informazzjoni u tal-partiċipazzjoni jiġu mħarsa fir-rigward tad-diskussjonijiet u l-approvazzjoni futuri ta' IPST konkret.

¹ Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-partiċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-partiċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17-25

² Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30-37

³ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391-407

⁴ *Ley 2/2016, de 27 de septiembre, para la modificación de la Ley 6/2002, de 12 de junio, sobre medidas de ordenación territorial de la actividad turística en las islas de El Hierro, La Gomera y La Palma.* OJ - BOE núm. 272, de 10 de noviembre de 2016

⁵ IPST (akronimu għal "*instrumentos de planificación singular turística*" - *strumenti għall-ippjanar turistiku*)

Ir-reġim ambjentali applikabbli għall-IPST jkun il-liġi 21/2013 (li tittrasponi d-Direttivi 2011/92/UE⁶ u 2001/42/KE fl-ordni ġuridika Spanjola). Peress li l-IPST jista' jkollhom natura legali doppja, meta jservu ta' strumenti tal-ippjanar maħsuba biex jippermettu l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tat-turiżmu tal-gżejjer, dawn ikunu pjanijiet soġġetti għad-Direttiva 2001/42/KE; u meta jservu ta' proġetti speċifiċi tat-turiżmu, jkunu soġġetti għad-Direttiva 2011/92/UE.

Għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, is-servizzi tal-Kummissjoni huma tal-fehma li ma ġiex ippruvat li seħħ xi ksur tad-Direttivi 2003/35/KE u 2001/42/KE. Għaldaqstant, ma jistax jingħad li seħħ xi ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li dan il-każ jista' jingħalaq.

Madankollu, jekk xi lmentatur f'dan il-każ ikollu xi informazzjoni ġdida li tista' turi li seħħ ksur tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, huwa mistieden jibgħat din l-informazzjoni l-ġdida lill-Kummissjoni Ewropea fi żmien erba' ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż. Wara li jkun għadda dan il-perjodu, il-Kummissjoni tista' tagħlaq il-każ.

⁶ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent.
ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1-21